**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-22 t' April, 2016.

Talba Numru: 810/2014 AM3

Numru fuq il-Lista: 31

**Argus Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta'' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Samwel Pawney ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* u ai termini tal-Ligi u l-istess Samwel Pawney – La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex**

**Vs**

**Palumbo Shipyard Malta Limited – The Dock, Triq Ghajn Dwieli, Paola u b'digriet ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2015 l-isem tal-konvenut "Palumbo Malta Shipyard Limited"**

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici noe li permezz taghha talbet li s-Socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, tmien mija u wiehed u erbghin ewro u tlett cenezmi (€2,841.03) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) l-excess payment li l-attur Samuel Pawney hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz u in kwantu ghas-somma ta' elfejn, seba mija u sitta u tmenin ewro u tlett centezmi (€2,786.03) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident li ghalihom ghamlet tajjeb is-Socjeta' attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Ra r-risposta tas-Socjeta' intimata a fol 5 li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li s-Socjeta' ntimata m'hijiex responsabbli ghad-dannu allegatament ikkagunat lil Samuel Pawney u lis-Socjeta' attrici issurrogata fid-drittijiet tal-assigurat Samuel Pawney; minghajr pregudizzju jinghad ukoll illi s-Socjeta' attrici ghandha wkoll tipprova n-ness bejn d-danni allegatament sofferti mill-assikurati taghha u l-agri tas-Socjeta' konvenuta u ghandha tipprova wkoll li l-assikurati taghha qdew l-obbligu taghhom li jimminimizzaw d-danni; salv risposti ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Walter Vella a fol 11 et li permezz taghha xehed li huwa Motor Vehicle surveyor u li kien gie nkarigat mis-Socjeta' attrici biex jispezzjona l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBJ – 353 u li meta ghamel dan huwa nnota li l-vettura ghandha sinjali ta' sandblast fuqha u ghalhekk kellha l-frak tal-hadid imqabbad maz-zebgha tal-istess vettura u rrakkomanda li jsir polishing tal-vettura kollha. Xehed li ppruvaw inaddfu l-plastik izda dan gie daneggat u ghalhekk irrakkomanda li jinbidel. Huwa wasal ghal konkluzjoni li dan il-hadid kien ta' sandblasting meta b'lenti setgha jispezzjoni l-hsara aktar mil-qrib li nnota wkoll li fejn kien hemm dan it-titjir iz-zebgha tal-vettura bdiet tissaddad u dan konsegwenza ta' forsi xi ilma u nida li kienet qed tigi esposta ghalih il-karozza. Huwa rega kkonferma li l-kawza hija biss mis-sandblasting izda meta gara dan ma setghax jghid.

A fol 13 et xehed Samuel Pawney sid l-vettura in kwistjoni li jipparkarja l-vettura tieghu fi Triq Wigi Rosato, Cospicua u dan jaghmlu sitt ijiem fil-gimgha. Din it-triq hija vicin ix-Shipyard tas-Socjeta' konvenuta. Huwa nnota din l-hsara meta fl-istamperija tieghu sema' xi girien jghidu li garbu xi hsarat fil-vetturi taghhom minhabba sandblasting u fit-18 ta' Frar, 2013 hareg bix jiccekja l-vettura tieghu u nnota din l-problema. Dan is-sandblasting kien tikek irqaq bojod u b'lenti seta' jarah ahjar. Ghamel rapport l-Ghassa u ma sema' xejn minghand il-Pulizija u ghamel 'claim' ghax kull darba li juza l-wipers dawn kienu qed jitqattghu.

Xehed PS 329 Reuben Saliba a fol 29 et li kkonferma li Samuel Pawney kien ghamel rapport l-Ghassa ta' Bormla u li l-istess Pawney kien ghaddielu stima biex jirranga l-vettura. Ikkonferma li meta kellu rapport iehor simili ghal dak maghmul minn Pawney u kellem lil certu Josef Calleja mis-Socjeta' konvenuta dan qallu biex ma jcempillux aktar ghaliex fit-tinda maghrufa bhala "Ta' Sandblasting" kien ilu ma jsir sandblasting ghal tul ta' zmien.

Ra l-affidavit ta' Simon Paris Claims Manager mas-Socjeta' attrici (fol 43 et) li kkonferma li Samuel Pawney kellhu polza tat-tip 'comprehensive' fuq l-vettura GBJ 353 u li kien fetah 'claim' in konnessjoni ma' dan l-incident li sehh fil-bidu tas-sena 2013 fi Triq Wigi Rosato, Bormla. Li bejn Jannar u Frar, 2013 Palumbo Malta Shipyard Limited kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet ta' sandblasting jew attivitajiet simili fuq il-vapuri fix-Shipyard taghha li b'rizultat ta' dan harget xi kimika jew materjal iehor fl-arja li waqghu fuq l-vettura ta' Pawney. Huwa kkonferma l-ispejjez li qed titlob is-Socjeta' attrici u ta rendikont taghhom cioe hamsa u hamsin ewro (€55) 'excess payment' thallas minn Pawney filwaqt li s-somma ta' elfejn, tmien mija u erbatax-il ewro u tlett centezmi (€2,814.03c) batithom is-Socjeta' attrici .

Ra x-xhieda ta' Jesmond Aquilina (fol 76 et) ta' Vintage Garage li kkonferma l-ispejjez ta' kiri ta' karozza li thallsu ghaliha;

Ra x-xhieda ta' Karen Cremona in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li kkonfermat li l-vettura tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni GBJ-353 hija registrata fuq Samuel Pawney ID 199955M u ilha hekk irregistrata f'ismu mill-31 ta' Awwissu, 2009 u li bejn l-ewwel (01) ta' Jannar, 2013 sat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2013 din l-vettura kienet ukoll registrata f'isem l-istess Samuel Pawney.

Ra xhieda ta' l-Ispettur Josric Mifsud a fol 85 et, ta' PS 329 Reuben Saliba afol 87 et, u tal-Ispettur Frankie Sammut a fol 102 A et dwar ir-rapporti tal-Pulizija u l-Inkjesta Magisterjali u dak li gie rapurtat fil-gazzetti dwar dan it-titjir.

Ra li s-Socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha a fol 107;

Ra li s-Socjeta' konvenuta ma resqitx provi u l-verbal tas-seduta tas-07 t' April, 2016 li permezz tieghu dan it-Tribunal ordna li l-provi jigu dikjarati maghluqa u l-kawza tibqa ghas-sentenza

Ra d-dokumenti kollha esebiti f'dawn l-atti.

Ikkunsidra

Illi l-**Artikolu 1032 tal-Kap 16** jghid li jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u l-Artikolu 1033 tal-istess Kap 16 jghid hekk:

"*Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".*

Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ppruvati erba elementi:

(1) Il-fatt dannuz illecitu;

(2) L-imputabblilita` tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu;

(3) Id-dannu ikkagunat minn dan l-istess fatt u

(4) Id-'dolus' jew 'culpa' da parti ta' min ikun ghamlu. (vide sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 1982 fl-ismijiet **Agius vs Busuttil**).

Illi hemm ir-responsabilita` ghad-danni jekk tigi ppruvata konnessjoni logika ta' kawza u effett bejn l-att u d-danni kkagunati mill-istess att.

Illi l-**Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili** jghid li ghar-rigward ta' danni l-Qorti trid tiehu s-segwenti in konsiderazzjoni:

Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din l-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara , t-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem totali jew parzjali li dak l-eghmil seta jgib.

*Illi in linea ta' principju jinsab enuncjat li "hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn l-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuna."* **(kollez. Vol. XLIV P1 p343**).

Ikkunsidra,

Illi li danni minhabba xoghol li sar mis-Socjeta' konvenuta liema xoghol ikkaguna lis-socjeta' attrici danni fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBJ 353 proprjeta` ta' Samuel Pawney assigurat maghha. Illi tali danni fis-somma ta' elfejn tmien mija u wiehed u erbghin ewro u tlett centezmu (€2841.03) gew pruvati bhal ma gie pruvat n-ness bejn il-kawza tad-danni u l-ammont ta' danni subiti.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda responsabbilita` jirrizulta mill-provi prodotti li s-Socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni li kkagunat lis-Socjeta' attrici.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u wiehed u erbghin ewro u tlett centezmu (€2,841.03c) bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 2014 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**